Parlament Ewropew

2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2021/2161(INL)

9.6.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummmissjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni u l-Liġi Amministattiva
(2021/2161(INL))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Karen Melchior
(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

PR_INL

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA.....12

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni u l-Liġi Amministrattiva

(2021/2161(INL))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tipprovdi li d-dritt għal amministrazzjoni tajba huwa dritt fundamentali,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tal-15 ta' Diċembru 2022,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[2],

– wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (2022/0084(COD)),

– wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (2022/0085(COD)),

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza estensiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li rrikonoxxiet sett ta' prinċipji ġenerali ta' liġi amministrattiva bbażat fuq it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2022 dwar l-istabbiliment ta' Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali COM((2022) 27 final) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-

[1] ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 1 Vol. 3 p. 331.

Kummissjoni li jakkumpanjaha, li jinkludi rapport dwar il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-attivitajiet ta' involviment (SWD(2022) 14 final),

- wara li kkunsidra l-istrateġija diġitali tal-Kummisjoni: Kummissjoni diġitali tal-ġenerazzjoni li jmiss tat-30 ta' Ġunju 2022 (C(2022)4388),

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar l-eżistenza u l-aċċessibilità pubblika ta' Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità[3],

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/633/KE, ECSC, Euratom tal-17 ta' Ottubru 2000 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tagħha biż-żieda ta' anness dwar Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba għal membri tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Pubbliku[4],

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tas-segretarju ġenerali tal-kunsill/rappreżentattiv għoli għall-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-25 ta'Ġunju 2001 dwar kodiċi ta' imġieba amministrattiva tajba għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-impjegati u r-relazzjonijiet professjonali tagħhom mal-pubbliku[5],

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2007)14 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar amministrazzjoni tajba, datata l-20 ta' Ġunju 2007,

- wara li kkunsidra 'l-Prinċipji ta'servizz pubbliku għas-servizz pubbliku tal-UE' ippubblikat mill-Ombudsman Ewropew fid-19 ta' Ġunju 2012,

- wara li kkunsidra skedi informattivi suċċessivi dwar l-Amministrazzjoni Pubblika Diġitali li jikkonċernaw l-Istati Membri, ippubblikati online mill-Kummissjoni,

- wara li kkunsidra l-eżistenza fl-Istati Membri kemm ta' atti ta' proċedura amministrattiva ġenerali, li jistabbilixxu l-prinċipji bażiċi tal-liġi amministrattiva, kif ukoll ta' leġiżlazzjoni speċifika għad-dominju jew għal settur speċifiku,

- wara li kkunsidra l-istħarriġ ikkummissjonat mill-Gvern Żvediż mill-Aġenzija Żvediża għall-Ġestjoni Pubblika dwar il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

- wara li kkunsidra l-istudju li sar mill-Gvern Daniż mill-Aġenzija Daniża għad-Digitalizzazzjoni (digitaliseringsstyrelsen) dwar il-prinċipji ta' użu tajjeb ta' data fundamentali fl-implimentazzjoni ta' servizzi diġitalizzati ta' amministrazzjoni pubblika,

---

3 ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 331.

4 ĠU L 267, 20.10.2000, p. 63.

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 18 Vol. 1 p. 155.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2022 tal-Istitut tal-Liġi Ewropea dwar Regoli Mudell dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt ta' Sistemi Algoritmiċi ta' Teħid ta' Deċiżjonijiet Użati mill-Amministrazzjoni Pubblika[6],

– wara li kkunsidra n-noti informattivi ppreżentati fil-Konferenza dwar il-liġi amministrattiva tal-UE organizzata mid-Dipartiment tal-Politika tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament u l-Università ta' León (León, 27-28 ta' April 2011)[7],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet inklużi fid-dokument ta' ħidma dwar is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti futuri għal-liġi amministrattiva tal-UE ppreżentat mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Amministrattiva tal-UE lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fit-22 ta' Novembru 2011[8],

– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew dwar Liġi ta' Proċedura Amministrattiva tal-Unjoni Ewropea, ippreżentata mill-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew lill-Kumitat għalal-Affarijiet Legali fis-6 ta' Novembru 2012[9],

– wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika dwar ir-regoli ġenerali għal amministrazzjoni Ewropea miftuħa, indipendenti u effiċjenti u r-rapport ta' sinteżi tiegħu f'Lulju 2018 ippreżentat mill-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew, is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fl-10 ta' Lulju 2018[10],

– wara li kkunsidra valutazzjoni tal-impatt ta' azzjoni possibbli fil-livell tal-UE għal amministrazzjoni tal-UE miftuħa, effiċjenti u indipendenti konkluża f'Lulju 2018 mill-Unità tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ex Ante tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew u ppreżentata lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fl-10 ta' Lulju 2018[11],

– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew tal-2022 dwar id-Diġitalizzazzjoni u l-Liġi Amministrattiva, ippreżentata mill-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fit-[30 ta' Mejju 2023][12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Liġi ta' Proċedura Amministrattiva tal-Unjoni Ewropea[13],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2016 għal amministrazzjoni tal-

---

6 https://www.europeanlawinstitute.eu/fileadmin/user_upload/p_eli/Publications/ELI_Model_Rules_on_Impact_Assessment_of_ADMSs_Used_by_Public_Administration.pdf.

7 https://www.europarl.europa.eu/committees/mt/home

8 http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/juri/dv/juri_wdadministrativelaw_/juri_wdadministrativelaw_en.pdf

9 http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/juri/dv/eav_lawofadminprocedure_/EAV_LawofAdminprocedure_EN.pd

10 https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/621841/EPRS_STU(2018)621841_EN.pdf

11 ttps://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/621841/EPRS_STU(2018)621841_EN.pdf

12 https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document/EPRS_STU(2022)730350

13 ĠU C 440, 30.12.2015, p. 17.

Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti u l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti,[14]

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2017 dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fl-2015 (2017/2011(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2022 dwar Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar (2021/2166(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa: it-tneħħija tal-ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali u t-titjib tal-użu tal-IA għall-konsumaturi Ewropej (2020/2216(INI)),

– wara li kkunsidra s-segwitu tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew bir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Liġi ta' Proċedura Amministrattiva tal-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kummissjoni fl-24 ta' April 2013,

– wara li kkunsidra s-segwitu tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew għal amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti, adottata mill-Kummissjoni fl-4 ta' Ottubru 2016,

– wara li kkunsidra s-segwitu tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Regolamentazzjoni Aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar, adottata mill-Kummissjoni fit-22 ta' Ottubru 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-xxxx/xxxx),

A. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona pprovda lill-Unjoni b'bażi legali xierqa għall-adozzjoni ta' liġi Ewropea dwar il-proċedura amministrattiva;

B. billi d-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba minqux fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sar legalment vinkolanti bħala liġi primarja;

C. billi f'Unjoni taħt l-istat tad-dritt huwa meħtieġ li jiġi żgurat li d-drittijiet u l-obbligi proċedurali jkunu dejjem definiti, żviluppati u mħarsa b'mod adegwat; billi ċ-ċittadini huma intitolati li jistennew livell għoli ta' trasparenza, effiċjenza, rispons u eżekuzzjoni rapida mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, u huma wkoll intitolati għall-informazzjoni dwar l-opzjonijiet li jeżistu għalihom biex jieħdu azzjoni ulterjuri fil-kwistjoni kkonċernata;

D. billi amministrazzjoni effiċjenti tal-Unjoni hija essenzjali għall-interess pubbliku u eċċess kif ukoll in-nuqqas ta' regoli u proċeduri jistgħu jwasslu għal amministrazzjoni ħażina, li tista' tirriżulta wkoll mill-eżistenza ta' regoli u proċeduri kontradittorji, inkonsistenti jew mhux ċari; billi proċeduri amministrattivi strutturati kif suppost u

[14] https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/150700/consultation-eu-law-summary-report.pdf

konsistenti jappoġġjaw kemm amministrazzjoni effiċjenti kif ukoll infurzar xieraq tad-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba u għandhom il-valur miżjud li jippromwovu t-trasparenza u r-responsabbiltà, u b'hekk itejbu l-leġittimità tal-Unjoni u jżidu l-fiduċja taċ-ċittadini fl-amministrazzjoni tal-Unjoni;

E. billi n-nuqqas ta' fiduċja min-naħa taċ-ċittadini għal dawn l-aħħar snin kienet problema urġenti li tiffaċċja l-Unjoni, li tista' taffettwa l-leġittimità tagħha; billi l-Unjoni teħtieġ li tipprovdi tweġibiet malajr, ċari u viżibbli liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex twieġeb għat-tħassib tagħhom;

F. billi r-regoli u l-prinċipji eżistenti tal-Unjoni dwar amministrazzjoni tajba huma mifruxa fuq varjetà wiesgħa ta' sorsi: il-liġi primarja, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-leġiżlazzjoni sekondarja, il-liġi mhux vinkolanti u l-impenji unilaterali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

G. billi l-kodiċi ta' kondotta interni eżistenti tal-istituzzjonijiet differenti għandhom effett limitat, huma differenti minn xulxin u mhumiex legalment vinkolanti;

H. billi, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa, sett ta' regoli ċari u vinkolanti għall-amministrazzjoni tal-Unjoni jkun sinjal pożittiv fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-amministrazzjonijiet pubbliċi;

I. billi mill-2001 il-Parlament talab b'mod konsistenti, fir-riżoluzzjonijiet u l-annessi tiegħu, azzjoni leġiżlattiva mill-Kummissjoni f'dak il-qasam; billi fl-2013 il-Parlament talab għal Liġi ta' Proċedura Amministrattiva tal-Unjoni Ewropea, u fl-2016 sejjaħ b'mod partikolari għal proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti; billi, essenzjalment, is-sejħiet tal-Parlament ripetutament jimmiraw li jiġi adottat regolament dwar il-proċedura amministrattiva tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi regoli proċedurali ġenerali li jirregolaw l-attivitajiet amministrattivi tal-amministrazzjoni tal-Unjoni, jiġifieri l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni (il-liġi Ewropea dwar il-proċedura amministrattiva);

J. billi dik is-sejħa hija bbażata fuq valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati, fost l-oħrajn, li jikkwantifikaw l-ispiża tal-proċeduri amministrattivi; billi l-valutazzjoni tal-impatt tal-2018 sabet li l-frammentazzjoni fil-proċeduri amministrattivi fost l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE għandha impatt negattiv fuq il-ftuħ, l-effiċjenza u l-indipendenza tal-UE u kkonkludiet li l-impatti negattivi x'aktarx se jmorru għall-agħar bit-tranżizzjoni lejn amministrazzjoni diġitalizzata; billi meta tippreżenta l-proposta l-Kummissjoni għandha tippreżenta wkoll valutazzjoni tal-impatt;

K. billi l-Parlament impenja ruħu f'konsultazzjoni pubblika fir-rigward tal-ħtieġa li tiġi stabbilita l-liġi Ewropea dwar il-proċedura amministrattiva, fejn 76 % ta' dawk li wieġbu appoġġaw it-teħid ta' miżuri addizzjonali fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu u jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi tal-Unjoni, innota t-titjib tal-effiċjenza u t-trasparenza fost ir-raġunijiet ewlenin għal intervent tal-UE u identifika inkoerenza operattiva u l-ispejjeż tal-piż amministrattiv fost l-iktar kwistjonijiet problematiċi; billi l-Kummissjoni għandha tkompli tniedi konsultazzjoni pubblika adegwata fl-2023 mal-atturi rilevanti kollha, u għandha b'mod partikolari tagħmel użu mill-għarfien u l-

kompetenza speċjali tal-Ombudsman Ewropew, peress li l-ilmenti pubbliċi dwar l-abbużi fi ħdan il-korpi u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma magħmula lill-Ombudsman Ewropew;

L. billi l-Parlament wettaq konsultazzjonijiet mal-akkademja, mal-prattikanti u mal-komunità legali bi tħejjija għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-2016 għal amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti; billi, fis-segwitu tagħha adottat fl-24 ta' April 2013 għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni ddikjarat li se tniedi rendikont dettaljat tal-korp eżistenti tal-liġi amministrattiva tal-UE u tan-nuqqasijiet possibbli fl-istituzzjonijiet kollha, li se tkun qiegħda tivvaluta l-approċċi meħuda għal dawn il-kwistjonijiet fl-Istati Membri u tikkonsulta l-akkademja, il-prattikanti u l-komunità legali sabiex twettaq analiżi fil-fond tal-aspetti kollha tal-kwistjoni; billi għaxar snin wara, il-Kummissjoni għad trid tinforma lill-Parlament dwar ir-riżultati tar-rendikont u l-analiżi fil-fond imsemmija msemmija;

M. billi, fl-istess segwitu tal-2013, il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kwalunkwe inizjattiva futura jkollha tqis il-qafas eżistenti tar-regoli amministrattivi u r-relazzjoni kumplessa bejn ir-regoli orizzontali u speċifiċi għas-settur; il-kawżi multipli possibbli ta' amministrazzjoni ħażina u l-ħafna modi possibbli li bihom dan jista' jiġi indirizzat; u l-limiti għall-użu tal-Artikolu 298 tat-TFUE; billi l-ebda valutazzjoni bħal din ma ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni sal-lum;

N. billi fl-2022 il-Kummissjoni ppreżentat, waqt li taġixxi għall-ewwel darba fuq il-bażi tal-Artikolu 298 tat-TFUE, żewġ proposti dwar, minn naħa, is-sigurtà tal-informazzjoni u, min-naħa l-oħra, iċ-ċibersigurtà fl-amministrazzjoni tal-Unjoni, jiġifieri l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tagħha, biex jindirizzaw in-nuqqas ta' approċċ komuni f'dawk l-oqsma u l-fatt li kull wieħed minnhom jew għandu r-regoli tiegħu f'dawk l-oqsma, ibbażati fuq regoli ta' proċedura jew atti fundaturi, jew totalment m'għandu l-ebda regoli;

O. billi l-eżistenza ta' regoli orizzontali u speċifiċi għas-settur ma tistax tikkostitwixxi skuża biex ma tiġix stabbilita liġi Ewropea dwar proċedura amministrattiva, jew ostaklu biex tiġi stabbilita tali liġi, li tikkostitwixxi qafas ta' referenza bażiku u ġenerali ta' liġi dwar proċedura amministrattiva li għandha tiġi applikata minn kwalunkwe amministrazzjoni tal-Unjoni irrispettivament mis-settur tal-operat tagħha; billi tali termini ġenerali ta' promulgazzjoni jeżistu f'ħafna Stati Membri tal-Unjoni irrispettivament mill-istruttura, mid-dominju jew mis-settur tagħhom u b'mod parallel mar-regoli speċifiċi għas-settur;

P. billi l-frammentazzjoni tal-oqfsa legali rilevanti bejn l-amministrazzjoni tal-Unjoni twassal għal duplikazzjoni sinifikanti tal-isforzi fir-rigward tal-istabbiliment u ż-żamma ta' regoli interni kif ukoll prattiki amministrattivi mhux interoperabbli; billi, għaċ-ċittadini tal-Unjoni, id-diversità ta' dawn ir-regoli żżid ir-riskji ta' nuqqas ta' ftehim, interpretazzjoni ħażina u nuqqas ta' konformità; billi l-istabbiliment ta' qafas ta' referenza bażiku u ġenerali tal-liġi Ewropea dwar il-proċedura amministrattiva għall-amministrazzjoni tal-Unjoni joħloq ambjent amministrattiv bi prinċipji uniformi, regoli standardizzati u l-aħjar prattiki implimentati, billi dan ma jipprekludix l-eżistenza ta' regoli speċifiċi għas-settur peress li huwa wkoll magħruf fil-livell nazzjonali; billi, barra minn hekk, l-istabbiliment tal-liġi Ewropea dwar il-

proċedura amministrattiva huwa konsistenti mar-rekwiżit li wieħed jaġixxi bir-rispett dovut għall-awtonomija jew il-kompetenzi ta' kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni, li se jibqgħu fis-seħħ bis-sħiħ;

Q. billi bl-avvanz tat-teknoloġija u bl-isforzi ta' diġitalizzazzjoni meħtieġa min-naħa tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi tagħhom, saru sforzi simili ta' diġitalizzazzjoni mill-amministrazzjoni tal-Unjoni; billi l-amministrazzjoni tal-Unjoni dejjem iktar ma toperax bħala entità separata iżda tinteraġġixxi mal-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali sabiex taqdi liċ-ċittadini;

R. billi l-istudju Ewropew tal-valutazzjoni tal-valur miżjud tal-2022 saħaq, kif għamel l-istudju tal-valutazzjoni tal-impatt tal-2018, il-fatt li bid-diġitalizzazzjoni, il-ħtieġa għal ċentralizzazzjoni u armonizzazzjoni hija akbar u li d-diġitalizzazzjoni kontinwa tqajjem kwistjonijiet u sfidi ġodda;

S. billi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat prinċipji proċedurali stabbiliti sew li japplikaw għall-proċeduri tal-Istati Membri fi kwistjonijiet tal-Unjoni u li għandhom *a fortiori* japplikaw għall-amministrazzjoni diretta mill-Unjoni; billi jista' jkun mistenni li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dalwaqt se tiżviluppa iktar biex tkopri fenomeni relatati mal-iżvilupp tad-diġitalizzazzjoni fi proċeduri amministrattivi, bħat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatiku;

T. billi, id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tipproklama prinċipji diġitali bil-għan li jaqdu lill-Ewropej kollha;

U. billi, fil-Kumpass Diġitali tal-2030, il-Kummissjoni stabbiliet għall-Unjoni viżjoni għal Ewropa tal-2030 trasformata b'mod diġitali f'konformità mal-valuri Ewropej; billi l-"Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali" huwa mmirat biex ikompli jsaħħaħ it-tmexxija diġitali u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lin-negozji, biex b'hekk it-trasformazzjoni diġitali ssir il-mutur tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, u l-benessri soċjali fl-Ewropa, li għandhom jinkisbu, fost oħrajn, billi jibnew ħiliet u kompetenzi diġitali għall-forza tax-xogħol biex ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fl-ekonomija diġitali u billi jiġu ddiġitalizzati s-servizzi pubbliċi, u billi jsiru iktar effiċjenti u faċli biex jintużaw għall-benefiċċju ta' kulħadd fis-soċjetà tagħna;

V. billi l-istrateġija diġitali tal-Kummissjoni għall-2022: 'Kummissjoni diġitali tal-ġenerazzjoni li jmiss' tiddeskrivi l-objettivi biex tippermetti l-appoġġ tal-amministrazzjoni tal-Kummissjoni għat-twettiq tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE u tmexxi bl-eżempju, u tavvanza, fost oħrajn, l-elementi segwenti: tagħti s-setgħa lill-persunal tagħha, tippermetti tfassil ta' politika preparata għad-diġitalizzazzjoni permezz ta' linji gwida u l-appoġġ tul iċ-ċiklu kollu tal-politika tal-Unjoni u l-isfruttar għaqli tal-benefiċċji tad-data u tat-teknoloġiji innovattivi biex jitfasslu mill-ġdid il-proċessi amministrattivi tagħha; filwaqt li l-istrateġija turi l-intenzjoni ta' kif id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi amministrattivi u l-interazzjoni tal-amministrazzjoni tal-Unjoni maċ-ċittadini se jevolvu fis-snin li ġejjin; billi din l-evoluzzjoni għandha tkun akkumpanjata minn sett ta' regoli li jirregolaw il-proċeduri amministrattivi u għandha tkun armonizzata fost l-amministrazzjoni kollha tal-Unjoni;

W. billi l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, bħall-intelliġenza artifiċjali u s-sistemi

awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet (ADMSs), jista' jkollu rwol importanti fil-modernizzazzjoni u t-titjib tal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika sakemm it-teknoloġiji użati jkollhom grad għoli ta' affidabbiltà; billi l-possibbiltà li wieħed jirrikorri għal teknoloġiji ġodda bħal dawn mill-amministrazzjoni pubblika, inkluża l-amministrazzjoni tal-Unjoni, għandha, madankollu, tkun limitata mill-prinċipju tal-legalità u l-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet taċ-ċittadini; billi l-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħall-IA u l-ADMSs jista' joħloq problemi speċifiċi għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-dritt għal reviżjoni legali u għalhekk jeħtieġ analiżi partikolari fir-rigward ta' elementi bħat-trasparenza, ir-responsabbiltà, il-konformità u n-nondiskriminazzjoni, billi jiġi indirizzat ir riskju ta' preġudizzju algoritmiku;

X. billi r-riskji tal-użu tal-intelliġenza artifiċjali u t-tagħlim awtomatiku, b'mod partikolari fil-kuntest tal-amministrazzjoni tal-Unjoni fejn jista' jkun hemm differenza ta' poter sinifikanti bejn iċ-ċittadini u l-amministrazzjoni, għandhom jiġu rikonoxxuti; billi għalhekk l-użu tat-tagħlim awtomatiku mill-amministrazzjoni tal-Unjoni għandu jkun limitat għall-ġbir, għall-organizzazzjoni, għall-istrutturar, għall-konverżjoni, għall-kombinazzjoni u għall-adattament tad-data, bħalma huma r-rikonoxximent ottiku tal-karattri, ir-rikonoxximent tal-oġġett jew it-traskrizzjoni awtomatika tat-taħdit;

Y. billi fl-2022 l-Istitut tal-Liġi Ewropea ppreżenta rapport b'Regoli Mudell dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt ta' Sistemi Algoritmiċi ta' Teħid ta' Deċiżjonijiet Użati mill-Amministrazzjoni Pubblika, fejn ir-regoli mudell huma proposti meta tali sistemi algoritmiċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet jieħdu deċiżjoni jew jappoġġjaw it-teħid ta' deċiżjonijiet mill-bniedem - li hija determinazzjoni minn awtorità pubblika (inkluż fl-livell tal-Unjoni) li tieħu jew ma tiħux azzjoni - li x'aktarx ikollha impatti sinifikanti fuq il-pubbliku[15];

Z. billi fil-passat, is-software żviluppat għall-finijiet tal-amministrazzjoni pubblika ta' spiss kien ta' sors magħluq, li jfisser li minkejja li ħallsu għalih, iċ-ċittadini ma jistgħux jivverifikaw jew jerġgħu jużaw il-kodiċi; billi ta' min wieħed jagħraf li l-amministrazzjoni tal-Unjoni tiżviluppa, tippubblika u tuża kodiċi ta' sors miftuħ għas-software, li jikkontribwixxi għat-twettiq tal-prinċipju ta' 'fondi pubbliċi - kodiċi pubbliku'; billi dan il-prinċipju jippromwovi l-użu mill-ġdid u t-titjib tal-kodiċi eżistenti biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-iżvilupp tas-software u għalhekk l-ispiża tad-diġitalizzazzjoni; billi għalhekk l-użu ta' software ta' sors miftuħ mill-amministrazzjoni tal-Unjoni għandu jiġi mħeġġeġ kontinwament[16];

AA. billi l-aċċess għas-servizzi tal-amministrazzjoni diġitali għaċ-ċittadini tal-Unjoni huwa affettwat minn fatturi bħall-età, il-kunfidenza jew ir-rieda li jħaddnu soluzzjonijiet teknoloġiċi; billi għalhekk l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha tqis dan meta tiżviluppa soluzzjonijiet diġitali għas-servizzi li tipprovdi sabiex ma tintilifx il-fiduċja taċ-ċittadini u tippermetti liċ-ċittadini jagħġustaw għall-eżistenza tas-servizz diġitali;

AB. billi l-prinċipji segwenti għas-servizzi pubbliċi diġitali u l-amministrazzjoni diġà ġew

---

15 https://www.europeanlawinstitute.eu/fileadmin/user_upload/p_eli/Publications/ELI_Model_Rules_on_Impact_Assessment_of_ADMSs_Used_by_Public_Administration.pdf

16 https://commission.europa.eu/about-european-commission/departments-and-executive-agencies/informatics/open-source-software-strategy_en#opensourcesoftwarestrategy

identifikati: (i) servizzi pubbliċi diġitali ċċentrati fuq il-bniedem u aċċessibbli fil-livelli kollha, (ii) il-possibbiltà għal kull persuna li tidħol fil-ħolqien u fit-titjib ta' servizzi pubbliċi diġitali li huma mfassla għall-bżonnijiet u l-preferenzi tagħhom, (iii) il-prinċipju ta' 'darba biss', jiġifieri li kull persuna għandha tissottometti d-data jew l-informazzjoni tagħha darba biss meta tkun qed tinteraġixxi b'mod diġitali ma' amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-Unjoni, (iv) l-interoperabbiltà tas-servizzi diġitali offruti mis-settur pubbliku bħal soluzzjonijiet ta' identità diġitali b'portabbiltà tad-data permessa madwar l-Unjoni, (v) involviment wiesa' tan-nies u minnhom iffaċilitat permezz ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet diġitali u stimulazzjoni tal-iżvilupp ta' inizjattivi parteċipattivi fil-livelli kollha, (vi) kontribut ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet diġitali għal livelli aħjar ta' sigurtà u sikurezza pubblika;

1. Iqis li wara 70 sena ta' żvilupp kostanti tal-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni u 13-il sena mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li jistabbilixxi l-bażi legali tal-Artikolu 298 tat-TFUE, m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex ma jiddaħħlux il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba fil-leġiżlazzjoni vinkolanti;

2. Ifakkar li, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar2013 u fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9ta'Ġunju 2016, il-Parlament talab, skont l-Artikolu 225 tat-TFUE, għall-adozzjoni ta' regolament dwar amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti skont l-Artikolu 298 tat-TFUE; ifakkar li, fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2016, il-Parlament b'mod partikolari talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva li għandha tiġi inkluża fil-programm ta' ħidma tagħha għas-sena 2017; jiddispjaċih li t-talbiet tal-Parlament s'issa ma ġewx segwiti minn proposta tal-Kummissjoni;

3. Jinnota li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda argument sostanzjat jew konvinċenti għan-nuqqas ta' azzjoni tagħha u jiddispjaċih li sal-lum il-Kummissjoni ma ppreżentat l-ebda analiżi jew studji fil-fond dwar is-suġġett;

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq b'mod urġenti proposta leġiżlattiva, abbażi tal-Artikolu 298 tat-TFUE, għal regolament dwar amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti biex jiġi inkluż fil-programm ta' ħidma tagħha għas-sena 2024 sabiex il-koleġiżlaturi jistgħu jibdew il-ħidma tagħhom fuqha immedjatament fil-bidu ta' terminu leġiżlattiv ġdid; jitlob li l-proposta ssegwi r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness hawnhekk u jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-proposta għal regolament annessa mar-riżoluzzjoni tagħha tad-9 ta' Ġunju 2016 bħala punt tat-tluq għat-tħejjija tal-proposta mitluba u biex tqis l-avvanz tad-diġitalizzazzjoni u l-impatt tagħha fuq l-amministrazzjoni u l-proċedura amministrattiva tal-Unjoni;

5. Iqis li l-proposta mitluba m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet li jakkumpanjawha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

Rakkomandazzjoni 1 (fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni dwar regolament dwar amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti):

Il-Parlament Ewropew iqis li l-proposta tal-Kummissjoni għandha tieħu l-forma ta' regolament li jistabbilixxi att ġenerali relatat mal-proċedura amministrattiva, kif deskritt fl-Anness tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Ġunju 2016 għal amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti.

Rakkomandazzjoni 2 (dwar il-prinċipji li jiggwidaw id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tal-Unjoni)

Il-Parlament Ewropew iqis li l-avvanzi fid-diġitalizzazzjoni u fl-impatt tagħha fuq il-proċeduri amministrattivi tal-amministrazzjoni tal-Unjoni għandhom jitqiesu mill-Kummissjoni meta tippreżenta l-proposta mitluba taħt din ir-riżoluzzjoni. B'mod partikolari, għandu jitqies is-segwenti:

1. Fir-rigward tal-aspetti ġenerali:

(i) il-'prinċipju ta' darba biss', jiġifieri li kull persuna għandha tissottometti d-data jew l-informazzjoni tagħha darba biss meta tkun qed tinteraġixxi b'mod diġitali mal-amministrazzjoni tal-Unjoni, abbażi f'dan ir-rigward ukoll tal-istabbiliment tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali;

(ii) l-interoperabbiltà tas-servizzi diġitali offruti mill-amministrazzjoni tal-Unjoni;

(iii) il-kontribut tat-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet diġitali għal livelli ogħla ta' sigurtà u sikurezza pubbliċi;

(iv) l-istabbiliment ta' proċeduri u tal-kjarifikazzjoni tal-użu tat-teknoloġiji diġitali fil-komunikazzjoni esterna tal-amministrazzjoni tal-Unjoni, bl-għanijiet li jittieħdu kontromiżuri biex jiġu ttrattati l-lakuni eżistenti, tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġi żgurat li n-numru ta' każijiet ta' inġustizzja amministrattiva li huma indirizzati jiżdied u jkissru ċ-ċiklu ta' sfiduċja;

2. Fir-rigward tas-servizzi pubbliċi diġitali aċċessibbli u inklużivi:

(i) is-servizzi pubbliċi diġitali għandhom ikunu ċċentrati fuq il-bniedem u aċċessibbli fil-livelli kollha;

(ii) kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà li tinvolvi ruħha fil-ħolqien u fit-titjib ta' servizzi pubbliċi diġitali li huma mfassla għall-bżonnijiet u l-preferenzi tagħha;

(iii) alternattivi analogi għas-servizzi diġitali għandhom dejjem jiġu pprovduti, u punt ta' kuntatt uman għandu jkun disponibbli biex jgħin jindirizza kwalunkwe kwistjoni li tista' tqum fl-użu tas-servizzi diġitali miċ-ċittadini tal-Unjoni;

(iv) is-servizzi pubbliċi diġitali għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;

(v) is-servizzi pubbliċi diġitali għandhom ikunu aċċessibbli wkoll permezz ta' firxa wiesgħa ta' apparati;

3. Fir-rigward tas-sigurtà, ir-responsabbiltà u l-protezzjoni tad-data

(i) il-prinċipju ta' 'fondi pubbliċi – kodiċi pubbliku', jiġifieri li kodiċi tas-sors ta' kwalunkwe software żviluppat bl-użu ta' fondi pubbliċi għandu jkun disponibbli għall-pubbliku għal skopijiet ta' studju u użu mill-ġdid;

(ii) il-privatezza u s-sigurtà tal-utenti tas-servizzi pubbliċi diġitali għandhom ikunu protetti;

(iii) id-dritt ta' żball u d-dritt ta' rettifika;

(iv) id-dritt għal spjegazzjoni mifhum bħala d-dritt li tingħata spjegazzjoni għal output tal-algoritmu u tad-deċiżjoni milħuqa wara valutazzjoni algoritmika;

(v) il-prinċipju tat-trasparenza fir-rigward tal-kriterji li fuq il-bażi tagħhom jittieħdu deċiżjonijiet awtomatizzati, fejn it-tali deċiżjonijiet jaffettwaw liċ-ċittadini.

Rakkomandazzjoni 3 (dwar il-prinċipji għall-iżvilupp u l-iskjerament ta' soluzzjonijiet diġitali)

Għandha tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li jiġu żviluppati soluzzjonijiet diġitali ġodda sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-amministrazzjoni tal-Unjoni fil-proċess tad-diġitalizzazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li tali soluzzjonijiet jaqdu bl-aħjar mod liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-persunal tal-Unjoni, għandhom jiġu kkunsidrati l-prinċipji segwenti:

(i) il-persunal tal-Unjoni għandu jkun fil-qalba tal-proċess tal-iżvilupp, peress li għandu l-aħjar fehim tal-proċeduri amministrattivi u l-każijiet tat-tarf, jiġifieri problemi jew sitwazzjonijiet li jseħħu biss fl-ogħla jew fl-inqas tarf ta' firxa ta' valuri possibbli jew f'sitwazzjonijiet estremi;

(ii) għandu jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali interni li huma essenzjali għall-varar tas-servizz pubbliku kkonċernat;

(iii) meta jkun hemm esternalizzazzjoni, iktar milli sejħiet għal proposti għal proġetti monolitiċi kbar, li ftit kumpaniji kbar biss jistgħu jagħmlu offerta għalihom, u li għandhom riskju akbar li jiġu mdewma u jaqbżu l-baġit, proċeduri ta' akkwist pubbliku għad-diġitalizzazzjoni tal-proġetti u tal-proċessi għandhom jiġu suddiviżi f'sejħiet għal proposti għal proġetti iżgħar, sabiex il-kuntratti tad-diġitalizzazzjoni jsiru iktar aċċessibbli għall-SMEs;

(iv) id-diġitalizzazzjoni m'għandhiex titqies biss bħala proċess ta' tnaqqis tal-ispejjeż: huwa importanti li wieħed jiftakar li d-diġitalizzazzjoni effettiva teħtieġ ukoll investiment kemm fit-teknoloġija kif ukoll fil-persunal;

(v) id-diġitalizzazzjoni għandha titwettaq b'mod li jirriżulta li l-persunal ikollu iktar ħin biex jagħmel kompiti relatati mal-kompetenza tiegħu, billi jiġu awtomatizzati kompiti ripetittivi u jassisti lill-persunal biex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-Unjoni tissodisfa l-prinċipji u l-għanijiet imsemmija fir-Rakkomandazzjoni 2;

(vi) id-diġitalizzazzjoni m'għandhiex twassal li kompiti speċjalizzati jiġu mgħoddija fuq persunal b'kompetenzi mhux speċjalizzati, li ma jingħatax it-taħriġ u r-riżorsi meħtieġa biex

iwettaq dawn il-kompiti.